## L-Assedju l-Kbir tal-1565 (5)

# IL-FORTI SAN MIKIEL FL-ASSEDJU L-KBIR



JOSEPH SERRACINO



L-assalt fuq il-Forti San Mikiel

L-istoriċi jgħidulna li l-Forti San Mikiel u s-swar li jdawru lill-Isla ġarrbu l-eqqel bumbardamenti matul l-Assedju l-Kbir u fuqhom saru l-eħrex taqtigħat. Il-Forti San Mikiel nbena fi żmien il-Gran Mastru Juan D'Homedes fl-1553 u s-swar tal-Isla nbdew fiż-żmien il-Gran Mastru Claude de la Sengle u tlestew fiż-żmien il-Gran Mastru Jean de la Valette.

Fl-Assedju l-Kbir, id-difiża ta' Malta kienet tiddependi fuq il-Forti ta' Sant' Anġlu u s-swar tal-Birgu, il-Forti ta' San Mikiel u s-swar tal-Isla, il-Forti ta' Sant' Jiermu li kien mibni f'ras l-Għolja ta' Xebb-ir-Ras biex iħares id-daħla taż-żewġ portijiet u fuq il-belt antika tal-Imdina.

Il-gżira ta' Għawdex kellha fortizza waħda, u din kienet iċ-Ċittadella li f'dak iż-żmien kienu jsejħulha l-Kastell.

Madwar 600 kavallier u 8,500 suldati bejn Maltin u barranin kienu mqassmin f'dawn il-fortizzi, bl-akbar numru tagħhom fl-Isla u l-Birgu. Ma' dawn, il-Gran Mastru la Valette kien wiegħed il-ħelsien mill-jasar lil madwar 500 qaddief tax-xwieni tal-Ordni jekk dawn jgħinu lill-Ordni fil-bini ta' trunċieri u f'manutenzjoni tas-swar.

Il-Gran Mastru la Vallette wara li ta ordni biex tingħalaq Daħlet ix-Xwieni b'katina kbira li kienet inħadmet f'Venezja, mill-Ponta tal-Isla sa taħt il-Forti ta' Sant' Anġlu, u b'oħra mill-Maċina sas-swar ta' Aragona, ta ordni wkoll biex jitħattu d-djar kollha li kienu nbnew faċċata tal-Forti San Mikiel biex b'hekk jelimina l-possibbiltà li t-Torok jistaħbew fihom wara li ġew abbandunati mill-Bormliżi meta dawn daħlu jistkennu fl-Isla. Barra minnhekk, bejn l-Isla u l-Birgu kien intrama pont fuq il-braken u btieti vojta biex minn fuqu jkunu jistgħu jgħaddu r-riforzi bejn iż-żewġt ibliet kull meta tinqala' l-ħtieġa. Aktar bħala miżura ta' difiża milli att ta' kefrija, il-Gran Mastru ordna li l-klieb kollha li kien hemm ġol-Birgu u ġol-Isla jiġu maqtula għax instab li l-inbiħ tagħhom kien qed ifixkel ħafna lis-suldati tal-għassa, u biex ikun ta' eżempju u żgur tiġi esegwita l-ordni tiegħu, hu qatel lill-kelb li tant kien għal qalbu.

Biex tkompli tissaħħaħ id-difiża tal-Isla, il-Gran Mastru la Valette, fuq il-pariri tal-inġinieri tal-Ordni ordna wkoll li taħt is-swar tal-Isla li jħarsu lejn Kordin jitwaħħlu f'qiegħ il-baħar arbli kbar ta' bejn erba' jew ħames metri tul u jorbtuhom ma' xulxin b'katina ħoxna li jagħmilha diffiċli li t-Torok jersqu viċin is-swar. Fil-fatt, l-għada li tqiegħdu dawn l-arbli, it-Torok ippruvaw jaqtgħu l-katina, iżda malli l-Maltin indunaw bihom, niżlu mas-swar u attakkawhom bi qlubija kbira, tant li t-Torok kellhom jirtiraw lejn it-trunċieri tagħhom u jabbandunaw it-tentattiv tagħhom.

Madankollu, l-istoriċi kollha li kitbu fid-dettal dwar dan l-assedju li waqqaf l-avvanz tat-Torok fl-Ewropa, (għax wara Malta t-Torok kellhom ħsieb li jattakkaw Sqallija u Korsika) jaqblu, li d-difiża ta' Malta kienet tiddependi l-aktar fuq is-swar b'saħħithom tal-Isla u tal-Birgu, u li jekk it-Torok kien jirnexxielhom jirbħu belt minnhom, il-kavallieri kien ikollhom iċedu l-armi, u b'hekk il-gżejjer Maltin kienu jaqgħu taħt il-ħakma Torka.

Meta t-Torok żbarkaw parti mill-armata tagħhom fil-bajja ta' Marsaxlokk u bdew l-avanzata tagħhom lejn il-Birgu u l-Isla biex juru s-saħħa tagħhom, il-Ġeneral Mustafa Baxa kien tal-fehma li jattakka liż-żewġ fortizzi flimkien b'forza kbira, għax skont l-ispjuni tiegħu, l-Insara ma kellhomx nies biżżejjed biex jiddefendu tajjeb is-swar li jdawruhom. Iżda l-Ammirall Piali ma qabilx miegħu, u bl-iskuża li jdaħħal il-flotta Torka għal kenn f'Marsamxett saħaq li jattakkaw lill-Forti Sant' Iermu.

Iżda peress li s-Sultan Sulejman kien ta ordni li ma jsir xejn qabel ma jasal Dragut f'Malta ddeċidew li jaħbtu għall-Forti ta' Sant'Jiermu. Meta wasal Dragut, dan ma qabilx mad-deċiżjoni ta' ħbit fuq Sant' Jiermu, iżda peress li bil-bumbardamenti mill-batteriji li jdawru lil din il-fortizza kienu diġà ġarrfu partijiet mis-swar tagħha, huwa ordna biex tintrama batterija oħra biex twaqqaf ir-rinforzi Nsara li kienu jaslu fil-forti Sant' Anġlu matul il-lejl mill-Birgu.

Il-Forti Sant'Iermu ntrebaħ mit-Torok fit-23 ta' Gunju wara 30 jum ta' attakki ħorox u mdemmija. Lit-Torok, din ir-rebħa swietilhom il-ħajja ta' 6,000 suldat u tal-Ġeneral Dragut. Jingħad li Mustafa Baxa huwa u dieħel rebbieħ f'Sant' Jiermu, ta ħarsa lejn Sant' Anġlu u San Mikiel u qal lil dawk ta' madwaru: "Jekk it-tifla swietilna telf hekk kbir f'suldati maqtula u midruba, x'sejra tiswielna l-omm?"

Dak in-nhar stess huwa sejjaħ lill-ġenerali tiegħu u fissrilhom fid-dettal il-pjan tiegħu li jattakka liż-żewġ fortizzi tal-port flimkien, iżda l-Ammirall Piali, aktar konxju dwar ħajjet is-suldati li jistgħu jintilfu f'attakk ġenerali fuq l-Isla u l-Birgu, ipproppona li qabel jagħtu s-sinjal biex jattakkaw, jitolbu lill-kavallieri jċedu u jitilqu mill-gżira bl-unuri kollha tal-gwerra.

Mustafa kien jaf tajjeb li ż-żewġ fortizzi tal-port kienu b'saħħithom ħafna u mhux faċli li tirbaħhom malajr, iżda huwa kien konvint li jekk jirbaħ waħda minnhom, l-oħra taqa' f'idejhom ftit jiem wara. Miż-żewġ fortizzi, Mustafa kien tal-fehma li jikkonċentra l-aktar fuq l-Isla peress li parti mis-swar tagħha kienu baxxi, u jekk is-suldati tiegħu jirnexxielhom jidħlu fiha, huma setgħu faċilment jaqsmu għal ġol-Birgu u wara jassedjaw lill-kavallieri fil-Forti Sant' Anġlu. B'dan il-ħsieb f'moħħu huwa saħħaħ il-batteriji ta' San Ġwann t'Għuxa u ta' Kordin b'kanuni akbar biex jimbumbardjaw lill-Forti San Mikiel u s-swar ta' taħtu, u ordna biex jippustjaw żewġ batteriji oħra, waħda f'Ras Ħanżir biex timbumbardja s-swar tal-Ponta tal-Isla u oħra b'kanuni akbar fuq l-Għolja ta' Xebb-ir-Ras biex jimbumbardjaw lill-Forti Sant' Anġlu u jilħqu s-swar tal-Isla li jagħtu għad-Daħlet ix-Xwieni.

Matul l-assedju l-Isla kienet taħt il-kmand suprem tal-Balliju Pietro del Monte li kien l-ammirall tal-Flotta tal-Ordni, u li kien isegwi l-andament tal-ġlied minn fuq torri għoli li kien armat f'nofs l-Isla. Jiddefendu lill-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla kien hemm bosta kavallieri u suldati barranin. Waqt li l-istakkamenti ta' suldati Taljani u Sqallin kienu taħt il-kmand tal-kavallier de Medici, u stakkament kbir ieħor ta' suldati Spanjoli kienu mmexxijin mill-kavallier Don Carlo Roffo, għexieren ta' baħrin Maltin u barranin li kienu jaħdmu fuq ix-xwieni tal-Ordni taħt il-kmand tal-kavallier Spanjol Sanoguerra ddefendew bi qlubija kbira s-swar li jdawru l-Ponta tal-Isla sa quddiem Sant' Anġlu.

Barra dawn, kien hemm stakkamenti ta' madwar 1,500 suldat Malti, fosthom Bormliżi, Naxxarin, Siġġiewin u magħhom ingħaqad bi ħġaru l-poplu kollu tal-Isla.

Ma' dan l-eżerċitu, fil-5 ta' Lulju ngħaqad magħhom il-kavallier Spanjol Melchiorre De Robles li fil-jum ta' qabel kien wasal minn Sqallija b' kontinġent ta' 40 kavallier u b'700 suldat, fosthom in-neputi tal-Gran Mastru, Henri Parisot de La Valette. Dan il-kavallier Spanjol li ismu baqa' msemmi b'ġieh kbir għall-qlubija kbira li wera matul il-ġlied qalil li sar fuq is-swar ta' taħt il-Forti ta' San Mikiel, proprju s-swar li jħarsu lejn Bormla fuq ix-xaqliba ta' Kordin.



Il-pittura ta' Giuseppe Cali turi l-mewt ta' Dragut fil-Marsa

Issa l-attakk ġenerali tat-Torok fuq l-Isla kien eminenti ħafna. Ġara iżda, li peress li x-xwieni Torok kienu ankrati f'Marsamxett u l-ebda bastiment Tork ma seta' jidħol fil-Port il-Kbir minħabba l-kanuni ta' Sant' Anġlu, huma ma setgħux jattakkaw lill-Isla mill-baħar jekk ma jkollhomx numru kbir ta' dgħajjes biex jgħabbu u jwasslu t-truppi tagħhom taħt is-swar tal-Isla. Għalhekk, biex jagħtu bidu għal dan l-attakk, huma kien jeħtiġilhom jittrasportaw għexieren ta' dgħajjes minn Marsamxett sal-Marsa.

Sadanittant il-bumbardamenti fuq is-swar tal-Isla, prinċipalment fuq is-swar li jħarsu lejn Bormla u fuq is-swar ta' Kastilja tal-Birgu komplew bla waqfien ta' xejn. Meta Mustafa ra li parti sostanzjali mis-swar tal-Isla kienu ġġarrfu biżżejjed biex jibda l-attakk tiegħu, huwa sejjaħ lill-ġenerali tiegħu u spjegalhom l-aħħar pjani tiegħu. Fil-15 ta' Lulju, it-Torok attakkaw lill-Isla mill-art u mill-baħar.

F'dan l-attakk ħadu sehem madwar 9,000 suldat taħt il-kmand suprem ta' Hasan, li personalment mexxa 5,000 suldat u attakka s-swar ta' taħt il-Forti San Mikiel mill-art, waqt li 4,000 suldat ieħor taħt il-tmexxija ta' Kandlissa attakkaw b'qilla kbira l-kumplament tas-swar tal-Isla minn fuq il-baħar, minn naħa ta' Kordin.

L-istoriċi jgħidulna li l-ġlied aħrax li seħħ matul is-swar kollha tal-Isla minn taħt il-Forti San Mikiel sal-Ponta tal-Isla kien feroċi u tal-biża'. Jekk il-ġlied li seħħ fuq is-swar ta' San Mikiel u l-posta ta' Bormla kien imdemmi u ma qata' xejn għal bosta sigħat fejn l-ebda suldat Tork ma rnexxielu jitla' fuq is-swar u baqa' ħaj, daqshekk ieħor kien aħrax u qalil il-ġlied fuq is-swar li ġew attakkati minn fuq il-baħar mill-eluf ta' suldati Torok.

Fost għajjat li jtarrax, it-Torok attakkaw is-swar li jdawru l-Ponta tal-Isla bi ħruxija kbira u bla qtugħ ta' xejn. Għal sigħat sħaħ il-Ġannizzari u l-Ispahi pprovaw jitilgħu fuq is-swar imġarrfin permezz ta' slielem u armar ieħor, iżda d-difensuri Nsara, bi qlubija kbira bdew jimbuttawhom lura, u dawk li rnexxielhom jitilgħu fuq is-sur sabu ruħhom minfudin bil-lanez tas-suldati jew ġew imbiċċra bit-tixjir tax-xwabel jew bl-imnanar tal-kavallieri.

F'dan l-assalt imdemmi miet il-kavallier Don Francesco de Sanoguerra li kien il-kmandant tas-suldati li kienu qegħdin jiddefendu dawn is-swar. Fl-istess attakk, għaxar dgħajjes mimlijin Torok resqu lejn il-katina li kienet tagħlaq Daħlet ix-Xwieni bil-ħsieb li jaqtugħha, iżda l-kavallier Francesco de Guiral li kien il-kmandant tal-batterija li kienet mibnija taħt il-Forti Sant' Anġlu ntebaħ bil-ħsieb tagħhom, fetaħ in-nar fuqhom, kisser disa' dgħajjes u qatel bosta minnhom.

Wara ħames sigħat ta' ġlied it-Torok qatgħu qalbhom u rtiraw lejn il-Marsa. F'dan l-attakk it-Torok tilfu madwar 4,000 suldat u l-Insara tilfu 200 u ndarbu mijiet oħra fosthom għadd ta' kavallieri.

Issa t-Torok, umiljati bit-telf kbir li huma ġarrbu fl-ewwel attakk ġenerali fuq is-swar tal-Isla bdew jaħsbu f'tattiċi oħrajn li setgħu jintużaw biex jinfdu l-ftit swar li baqgħu weqfin wara l-bumbardamenti kbar li saru fuqhom fil-jiem ta' qabel. Iżda l-aktar ħaġa li bdiet tinkwieta lit-Torok ma kinux is-swar mġarrfin iżda l-qlubija tal-kavallieri u l-ħeġġa qawwija tal-Maltin li ma jċedux. Konxji li l-assedju seta' jtawwal sax-xitwa, it-Torok qabadhom ġenn kbir u riedu li jsibu xi mezz li permezz tiegħu tinħoloq konfużjoni kbira fost id-difensuri Nsara, u waqt dan il-paniku huma jassaltaw b'qawwa kbira s-swar tal-belt u jidħlu fiha.

Fl-aħħar huma ddeċidew li jiminaw is-swar. Huma ppjanaw li jħaffru mina b'żewġ friegħi, waħda tagħti għall-ġewwieni tal-Forti San Mikiel u l-oħra għal taħt il-Posta tal-Kavallier Robles. Meta jlestuha, huma jimlewha bi kwantità kbira ta' porvli u jagħtuha n-nar meta s-swar ikunu mgħammra bis-suldati. Huma kkalkulaw ukoll li l-qawwa tal-isplużjoni tiftaħ prexxa kbira fis-swar minfejn is-suldati tagħhom jkunu jistgħu jidħlu fil-belt u jirbħuha.

Il-pjan kien maħsub li ftit qabel ma jagħtu n-nar lill-mina, il-kap tal-Ġannizzari kellu jsejjaħ lill-Kavallier Robles biex taparsi jkellmu biex meta tisplodi l-mina ma jkunx jista' jagħti l-ordnijiet u b'hekk l-Insara jinfixlu u jaqbadhom paniku kbir.

Matul ix-xogħol fuq it-tħaffir tal-mina t-Torok komplew bil-bumbardamenti fuq is-swar u bl-isparar ta' xkubetti biex l-Insara ma jisimgħux it-tħaffir. Ġara iżda, li waqt it-tħaffir tal-mina, it-Torok ma ntebħux li kienu waslu biex jinfdu għal ġol-Forti. Wieħed mill-għassiesa Spanjoli f'ħin minnhom innota li f'daqqa waħda parti mill-art bdiet iċċedi u mar jiġri jgħarraf b'kollox lill-kavallier De Robles, li minnufih ordna li jitħaffer il-post. Meta ntebaħ x'kien il-ħsieb tat-Torok, ordna lis-suldati tiegħu jinżlu fil-mina u joqtlu lil min isibu fiha. Wara li l-bennejja Maltin raddmu mill-ġdid il-mina, it-Torok abbandunaw il-pjan tagħhom.

L-istoriċi jfakkruna f'diversi attakki ħorox li saru fuq il-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla, iżda kien hemm jiem oħrajn fejn it-Torok ibbumbardjaw is-swar għal sigħat sħaħ u ma attakkawx. Iżda kull meta attakkaw, it-taqtigħat kienu ħorox u ta' qilla kbira. Fil-fatt jissemmew diversi dati matul ix-xahar ta' Awwissu li fihom it-Torok attakkaw is-swar tal-Isla b'eluf ta' suldati bit-tama li jirbħuha, iżda kull attentat li għamlu sfuma fix-xejn għax sabu lill-kavallieri u l-Maltin lesti għalihom, u determinati li ma jħallu l-ebda Tork jaqbeż is-swar u jibqa' ħaj.

Wieħed mill-aktar attakki ħorox li saru fuq il-Forti San Mikiel u li fih intweriet il-qilla tat-Torok u l-qlubija tal-kavallieri u l-Maltin kien fit-2 ta' Awwissu, meta t-Torok attakkaw lill-Posti tal-kavallier Robles u tal-kavallier Ruffo li kienu jagħtu għal Bormla. F'dan l-attakk it-Torok attakkaw is-swar b'6,000 suldat, il-biċċa kbira minnhom Ġannizzari taħt il-kmand ta' Mustafa.

F'din il-battalja, li ħadet aktar minn ħames sigħat, rat lis-suldati Torok b'qilla kbira jixxabbtu bis-slielem u jippruvaw jitilgħu fuq is-swar, bis-suldati Maltin u l-kavallieri jitqabdu sider ma' sider u jitfgħuhom għall-isfel. Kien proprju f'dan l-assalt feroċi li t-Torok kien irnexxielhom jitilgħu fuq is-sur u jwaħħlu l-istandard tagħhom fuq il-quċċata tal-Forti, iżda kif il-Maltin intebħu x'ġara, ġrew għal fuqhom, u wara taqtigħa mdemmija mhux biss irnexxielhom iniżżlu l-istandard Tork minn fuq is-swar iżda saħansitra qatlu ħafna minnhom u rebħu mill-ġdid il-Forti.

F'dan l-attakk mietu diversi kavallieri fosthom Don Carlo Ruffo li ġie milqut minn balla ta' kanun.

Sas-7 ta' Settembru t-Torok ma qatgħux qalbhom u komplew bil-bumbardamenti fuq l-Isla u l-Birgu minn 14 il-batterija ppustati f'forma ta' nofs ċirku min-naħat tas-Salvatur sal-Għolja Ta' Kordin, f'Ras Ħanżir u minn fuq l-Għolja ta' Xebb-ir-Ras. Kien il-ħsieb tat-Torok li jerġgħu jattakkaw liż-żewġ fortizzi flimkien, iżda meta waslitilhom l-aħbar li flotta kbira ta' xwieni Nsara taħt il-kmand ta' Don Garcia kienet daħlet il-Marfa abbandunaw it-trunċieri tagħhom u rtiraw lejn il-Marsa u l-Għolja ta' Xebb-ir-ras, fejn fost konfużjoni kbira mbarkaw fuq ix-xwieni li kellhom f'Marsamxett u minnufih salpaw lejn San Pawl il-Baħar fejn kien miftiehem li kellu jimbarka l-kumplament ta' eżerċitu.

L-għada t-8 ta' Settembru – Jum it-Twelid tal-Madonna – ġiet iċċelebrata r-rebħa fuq il-Mislem b'solennita kbira fil-knisja ta' San Lawrenz, u jiem wara l-Gran Mastru Jean de la Valette onora lill-belt Senglea bit-titlu ta' "Citta Invicta – il-Belt Mhix Mirbuħa".

**Nota:** Mal-faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Isla hemm mwaħħla żewġ lapidi kbar li juruna l-ismijiet tal-kavallieri li mietu fuq is-swar tal-Isla matul l-Assedju l-Kbir, fosthom il-kavallier Spanjol Melchiorre De Robles li kien tilef ħajtu fil-11 ta' Awwissu meta suldat tal-għassa Tork sparalu hekk kif lemħu fuq is-sur iħares lejn il-foss wara li ssuspetta li t-Torok kienu qegħdin iħaffru mina oħra biex itajru s-sur. Hemm ukoll il-kavallier Henri Parisot de la Valette li fit-18 ta' Lulju flimkien mal-kavallier Francesco Pollastra u xi suldati oħra niżlu fil-foss tal-Isla bil-ħsieb li jkissru u jeqirdu l-pont li kienu bnew it-Torok, iżda meta s-suldati Torok intebħu bihom ħarġu fuqhom u qatlu bosta minnhom, fosthom liż-żewġ kavallieri.

*(jissokta l-ġimgħa d-dieħla)*



It-taqtigħa feroċi u mdemmija fuq is-swar tal-Isla